

32006R0926

L 170/8

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

23.6.2006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 926/2006

tat-22 ta' Ġunju 2006

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2535/2001 li jipprovdi regoli dettaljati biex ikun applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward l-arranġamenti tal-importazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u biex jinfetħu kwoti tariffarji

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 29(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Anness I.A. ta' Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 ⁽²⁾ jistabbilixxi l-kwoti tariffarji li mhux speċifikati mill-pajjiż tal-oriġini li jistgħu ikunu impurtati permezz ta' perjodu ta' kwota.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 267/2006 tat-30 ta' Jannar 2006 li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 li għandu x'jaqsam mal-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Liwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja matul id-dħul tagħhom fl-Unjoni Ewropea, li jissupplixxi Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u dwar it- Tariffa Doganali Komuni ⁽³⁾ tipprovdi għal allokkazzjoni addizzjonali ta' butir u xaħmijiet oħra u żjut imnissla mill-ħalib taħt il-kwota tariffarja annwali fuq l-importazzjoni.
- (3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 711/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim

Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 li għandu x'jaqsam mal-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Liwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja matul id-dħul tagħhom fl-Unjoni Ewropea, li jissupplixxi Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u dwar it- Tariffa Doganali Komuni ⁽⁴⁾ tipprovdi għal allokkazzjoni addizzjonali ta' bosta kwoti ta' ġobnijiet taħt il-kwota tariffarja annwali fuq l-importazzjoni.

- (4) Għalhekk huwa xieraq li wieħed jaġġusta l-kwantitajiet ikkoneċernati tal-kwoti li għalihom hemm referenza f'Anness I A għar-Regolament (KE) Nru 2535/2001.
- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (6) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I. A għar-Regolament (KE) Nru 2535/2001 jinbidel bit-test stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2006.

⁽¹⁾ ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).

⁽²⁾ ĠU L 341, 22.12.2001, p. 29. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 591/2006 (ĠU L 104, 13.4.2006, p. 11).

⁽³⁾ ĠU L 47, 17.2.2006, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 124, 11.5.2006, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Ġunju 2006.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

"I.A

KWOTI TARIFFARJI MHUX SPEĊIFIKATI MILL-PAJJIŻ TAL-ORIĠINI

Numru tal-kwota	Il-Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni ⁽¹⁾	Il-pajjiż tal-oriġini	Kwota Annwali	Kull sitt xhur kwota	Dazju fuq l-importazzjoni (EUR/100 kg piż nett)
09.4590	0402 10 19	Trab tal-ħalib xkumat	Il-pajjiżi terzi kollha	68 000	34 000	47,50
09.4599	0405 10 11 0405 10 19 0405 10 30 0405 10 50 0405 10 90 0405 90 10 (*) 0405 90 90 (*)	Butir u xaħmijiet u żjut oħrajn imnislin mill-ħalib	Il-pajjiżi terzi kollha	11 360	5 680	94,80
				fil-butir ekwivalenti		
09.4591	ex 0406 10 20 ex 0406 10 80	Ġobon għall-pizza, iffriżat, imqatta' f'biċċiet b'kull waħda minnhom mhux itqal minn gramma, f'kontenituri li jesgħu 5 kg jew aktar netti, b'kontenut ta' ilma, bil-piż, ta' 52 % jew aktar, u kontenut ta' xaħam, bil-piż bħala materjal xott ta' 38 % jew aktar	Il-pajjiżi terzi kollha	5 360	2 680	13,00
09.4592	ex 0406 30 10	Emmentaler ipproċessat	Il-pajjiżi terzi kollha	18 438	9 219	71,90
	0406 90 13	Emmentaler				85,80
09.4593	ex 0406 30 10	Gruyère ipproċessat	Il-pajjiżi terzi kollha	5 413	2 706,5	71,90
	0406 90 15	Gruyère, Sbrinz				85,80
09.4594	0406 90 01	Ġobon għall-ipproċessar ⁽²⁾	Il-pajjiżi terzi kollha	20 007	10 003,5	83,50
09.4595	0406 90 21	Cheddar	Il-pajjiżi terzi kollha	15 005	7 502,5	21,00
09.4596	ex 0406 10 20	Ġobon frisk (mhux misjur jew ikkurat) inkluż ġobon tax-xorrox, u baqta, ħlief ġobon għall-pizza bin-numru tal-kwota 09.4591	Il-pajjiżi terzi kollha	19 525	9 762,5	92,60
	ex 0406 10 80					106,40
	0406 20 90	Ġobon ieħor maħkuk jew trab				94,10
	0406 30 31	Ġobon ieħor ipproċessat				69,00
	0406 30 39					71,90
	0406 30 90					102,90
	0406 40 10 0406 40 50 0406 40 90	Ġobon bil-vina blu				70,40

Numru tal-kwota	Il-Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni ⁽¹⁾	Il-pajjiż tal-oriġini	Kwota Annwali	Kull sitt xhur kwota	Dazju fuq l-importazzjoni (EUR/100 kg piż nett)
	0406 90 17	Bergkäse u Appenzell				85,80
09.4596	0406 90 18	Fromage Fribourgeois, Vacherin Mont d'Or u Tête de Moine				75,50
	0406 90 23	Edam				
	0406 90 25	Tilsit				
	0406 90 27	Butterkäse				
	0406 90 29	Kashkaval				
	0406 90 31	Ġobon tal-ħalib tan-nagħaġ jew tal-ħalib tal-buflu				
	0406 90 33	Feta, oħrajn				
	0406 90 35	Kefalo-Tyri				
	0406 90 37	Finlandia				
	0406 90 39	Jarlsberg				
	0406 90 50	Ġobon tal-ħalib tan-nagħaġ jew tal-ħalib tal-buflu				
	ex 0406 90 63	Pecorino				94,10
	0406 90 69	-Oħrajn				
	0406 90 73	Provolone				75,50
	ex 0406 90 75	Caciocavallo				
	ex 0406 90 76	Danbo, Fontal, Fynbo, Havarti, Maribo, Samsø				
	0406 90 78	Gouda				
	ex 0406 90 79	Esrom, Italico, Kernhem, Saint-Paulin				
	ex 0406 90 81	Cheshire, Wensleydale, Lancashire, Double Gloucester, Blarney, Colby, Monterey				
	0406 90 82	Camembert				
	0406 90 84	Brie				
	0406 90 86	Aktar minn 47 % iżda mhux aktar minn 52 %				
	0406 90 87	Aktar minn 52 % iżda mhux aktar minn 62 %				
0406 90 88	Aktar minn 62 % iżda mhux aktar minn 72 %					
0406 90 93	Aktar minn 72 %				92,60	
0406 90 99	Oħrajn				106,40	

(*) prodott ta' 1 kg = 1,22 kg butir.

(1) Irrispettivament mir-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħqda, jeħtieġ li d-diċitura tad-deskrizzjoni tal-prodotti titqies bħala ta' valur indikattiv biss, minħabba li l-applikabbiltà tal-arranġamenti preferenzjali fil-kuntest ta' dan l-Anness hija determinata mill-ambitu tal-kodiċi tan-NM. Fejn hemm referenza għall-kodiċijiet tan-NM, l-applikabbiltà tal-iskema preferenzjali tiġi ddeterminata abbażi tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni li tikkorrispondi għalih meħudin flimkien.

(2) Il-ġobniet li hemm referenza għalihom huma meqjusa bħala pproċessati meta jkunu ġew iprocessati fi prodotti li jaqgħu taħt is-subintestatura 0406 30 tan-Nomenklatura Magħqda. L-Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 japplikaw."